**LAQGĦA ANNWALI ĠENERALI – 2019**

Il-ħamsa u għoxrin laqgħa annwali ġenerali għas-sena 2019 inżammet fis-sala tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex, nhar it-Tnejn, 21 ta' Jannar 2019 fis-19.30.

Preżenti: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joe Debrincat, Michel Buttiġieġ u Marcel Tabone u s- Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

Skuzati: Il-membri Maria Portelli u Anthony Briffa.

**Talba**

Wara t-talba inqraw il-minuti tal-laqgħa tas-sena li għaddiet.

**Rapport tas- Sindku**

Is-Sindku ressaq rapport dettaljat ta' xogħolijiet li tkomplew u twettqu matul is-sena 2018. Dan ir-rapport jinsab anness.

**Intervent mill- Pubbliku**

1. Tressaq ilment minħabba li quddiem dar privata fi Triq Repubblika ttieħdu żewġ parkeġġ u dawn ġew riservati għal skema ġdida li ser tinbeda fir-rigward tal-proġett 'Gotocar Sharing'. Is-Sindku qal li l-Kunsilli ma ġewx konsultati fir-rigward ta' fejn ser jittieħdu l-parkeġġi sabiex jintużaw għal dan il-proġett u li l-kaxxi u t-tabelli ma tpoġġewx mill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jipproponi sabiex ma jitteħdux parkeġġi quddiem djar privati.

2. Tqajjem punt minn sid ta' ħanut tal-*catering* fi Pjazza San Ġorġ rigward l-applikazzjoni li l-Kunsill issottometta ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar (PA/09292/18) sabiex jorganiżża w jirregolarizża it-tqegħid tal-imwejjed u s-siġġijiet f'din il-pjazza. Dan is-sid qal li n-naħħa ta' Triq is-Suq m'hemmx spazju biżżejjed għal-ewwel ħanut. Is-Sindku qal li l-*area* tal-pjazza hi tal-pubbliku u l-pjanta preżenti ma tirriflettix l-*area* li qed tintuża għat-tqegħid tal-imwejjed u s-siġġijiet. Tenna li l-infurzar jaqa' f'idejn l-Awtorita' tat-Turiżmu, l-Awtorita' tal-Ippjanar, l-Awtorita' ta' l-Artijiet u l-Pulizija. Il-Kunsill qed jipprova jsib bilanċ għalhekk qabbad il-Perit tal-Kunsill jiltaqa' individwalment mas-sidien kollha li għandhom ħanut tal-*catering* f'din il-pjazza, sabiex jispjegalhom il-pjanta proposta w anke' jisma' s-suġġerimenti tagħhom. Il-funzjonijiet prinċipali tal-pjazza huma li:- (i) tibqa' tal-pubbliku, (ii) tibqa' tinqeda l-Parroċċa ta' San Ġorġ, li minħabba l-knisja saret din l-istess pjazza u (iii) tirrispetta l-elementi kummerċjali. Mill-pubbliku tqajjem spunt li jekk l-*area* tiżdied għall-imwejjed u s-siġġijiet, is-sidien jerġgħu joħorġu l-barra mill-limitu u fiżikament ma tkunx tista' tgħaddi għal Triq is-Suq. Tenna li saret diffiċli għall-knisja biex torganizza attivita' fil-pjazza li l-istess pjazza teżisti minħabba l-knisja.

3. Il-Kunsill ġie mistoqsi jekk joħroġx permessi għall-bejjiegħa li jkun hemm fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma joħroġx ebda' permessi lil ebda' bejjiegħ ħlief lil tal-ħaxix u limitatament fil-*weekend* li dawk li jbiegħu ikel *take away*. Rigward il-bejjiegħa l-oħra, il-Kunsill għamel bosta rapporti lill-Pulizija u sfortunatament dawn għadhom jarmaw.

4. Tressaq ilment li waqt li Triq Vajrinġa qabel tingħalaq xħin tkun ser tagħlaq l-iskola, jipparkjaw vetturi n-naħħa l-oħra ta' *Vajrinġa Supermaket* u min għandu garaxx ma jkunx jista' joħroġ bil-vettura. Is-Sindku qal li f'din il-parti tat-triq hemm kemm sinjali sofor u kemm tabelli tal-*clamping* u t-triq dejjem tingħaq fil-presenza tal-Pulizija.

5. Ilment ieħor jirrigwardja attvitajiet li qed isiru fi Pjazza Santu Wistin fejn id-daqq tal-mużika jitħalla għoli iktar minn nofs il-lejl b'konsegwenza ta' inkonvenjent għall-anzjani u l-pubbliku in ġenerali. Il-preżenti ġew magħarrfa li l-permessi jinħarġu fuq in-*no objection* tal-Pulizija u l-Kunsill, wara li tressqulu lmenti simili, għarraf lill-Pulizija b'dan l-inkonvenjent.

6. Tressaq suġġeriment sabiex mar-Rabat tiġi ntrodotta sistema ta' *mini buses* li jkunu frekwenti biex jintużaw mill-periferiji għaċ-ċentru storiku. B'din is-sistema tevita l-mogħdija ta' *buses* kbar miċ-ċentru w bir-riżultat li jitnaqqsu anke' vetturi privati. Is-Sindku qal li l-Kunsill dejjem favur inizjattivi li jevitaw traffiku u vetturi kbar miċ-ċentru tar-Rabat pero' mhux dejjem ikun faċli li twettaq il-proposti. Ftit eżempji huma:- (i) t-tneħħija ta vetturi tqal minn Triq Repubblika minn salib t-toroq 'l fuq. Il-Kunsill dam 18 'il xahar sabiex ġab dan il-permess mill-awtoritajiet konċernati; (ii) il-Kunsill mhux favur li l-*hop-on-hop-off buses* jgaħddu minn Pjazza Savina pero' xorta jgħaddu; (iii) is-*circular bus* li kienet titla' ċ-Ċittadella nqatet mill-operaturi tal-*buses* u (iv) ittieħdu parkeġġi mill-parkeġġ il-kbir sabiex jintużaw mill-*buses* biex iħottu lit-turisti u jiġi evitat li turisti jitniżżlu fl-area ta' Qasam San Ġorġ u Pjazza Savina, pero'dan xorta għadu jsir.

7. Tressaq ilment sabiex il-bozza li tpoġġiet mingħajr permess tas-sid fl-isqaq ta' Triq Arċipriet Saver Cassar, terġa titpoġġa fejn kienet. Il-Kunsill diġa' qabel li dan isir.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30 u s-Sindku rringrazza lil kull minn attenda.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |